



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

23 ta' April 2020*

“Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu – Direttiva 2009/147/KE – Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi – Liċenzji għall-kaċċa fir-rebbiegħa ta' kampjuni rġiel tal-ispeċi tal-għasafar ‘Edredun’ (*Somateria mollissima*) fil-provinċja ta' Åland (il-Finlandja) – Artikolu 7(4) u Artikolu 9(1)(c) – Kunċetti ta' ‘użu meqjus’ u ta' ‘numri żgħar’”

Fil-Kawża C-217/19,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2019,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn C. Hermes u E. Ljung Rasmussen, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika tal-Finlandja, irrappreżentata minn J. Heliskoski, bħala aġent, assistit minn J. Bouckaert, avocat, u D. Gillet u S. François, avocates,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, M. Safjan, L. Bay Larsen u C. Toader (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstemgħet l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

- 1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li, billi tawtorizza regolarment il-ħruġ ta' liċenzji għall-kaċċa fir-rebbiegħa għal Edredun raġel (*Somateria mollissima*) fil-provinċja ta' Åland (il-Finlandja) mis-sena 2011, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 7(4) u tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (ĠU 2010, L 20, p. 7, iktar 'il quddiem id-“Direttiva dwar l-Ġhasafar”).

Il-kuntest ġuridiku

- 2 Skont il-premessi 3 sa 6, u 10 tad-Direttiva dwar l-“Ġhasafar”:

“(3) Numru kbir ta' speċi ta' ġhasafar selvaġġi naturali li jinsabu fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri qed jonqsu fin-numru, f'ħaġġa każi b'mod mgħaġġel. Dan it-tnaqqis jirrapreżenta theddid serju għall-konservazzjoni tal-ambjent naturali, partikolarment minħabba l-bilanċi bijoloġiċi mhedda minn dan.

(4) L-ispeċi tal-ġhasafar selvaġġi naturali li jinsabu fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri huma prinċipalment speċi li jemigraw. Speċi bħal dawn jikkostitwixxu patrimonju komuni u l-protezzjoni effettiva tal-ġhasafar hija problema ambjentali tipikament transkonfinali li għib magħha responsabbiltajiet komuni.

(5) Il-konservazzjoni tal-ispeċi tal-ġhasafar selvaġġi naturali li jinsabu fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri hija neċessarja biex jintlaħqu l-għanijiet tal-[Unjoni Ewropea] rigward it-tmexxija 'l quddiem tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u l-iżvilupp sostenibbli.

(6) Il-miżuri li għandhom jittieħdu għandhom japplikaw għal fatturi varji li jistgħu jaffettwaw in-numru tal-ġhasafar, prinċipalment rigward ir-riperkussjonijiet tal-attivitajiet tal-bniedem u partikolarment il-qerda u t-tniġġis tal-ambjent naturali tagħhom, qbid u qtil mill-bniedem u l-kummerċ li jirriżulta minn din il-prattika. Is-strettezza ta' dawn il-miżuri għandhom ikunu adattati għas-sitwazzjoni partikolari tal-ispeċi varji fil-qafas ta' politika tal-konservazzjoni.

[...]

(10) Minħabba l-livell għoli tal-popolazzjoni, id-distribuzzjoni ġeografika u r-rata tar-riproduzzjoni tagħhom [fl-Unjoni] kollha, ċerti speċi jistgħu jkunu suġġetti għall-kaċċa, li jikkostitwixxu sfruttar aċċetabbli. Għaldaqstant, ċerti limiti huma stabbiliti u rispettati, kaċċa bħal din għandha tkun kompatibbli mal-manteniment tal-popolazzjoni ta' dawn l-ispeċi f'livell sodisfaċenti.”

- 3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar l-“Ġhasafar” huwa redatt kif ġej:

“1. Din id-Direttiva hija dwar il-konservazzjoni tal-ispeċi kollha tal-ġhasafar li jinsabu fin-natura fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat. Din tkopri l-protezzjoni, l-amministrazzjoni u l-kontroll ta' dawn l-ispeċi u tippreskrivi regoli għall-isfruttar tagħhom.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-ġhasafar, il-bajd, il-bejtiet u l-ambjent naturali tagħhom.”

- 4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jiddisponi:

“L- Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex iżommu jew jadattaw il-popolazzjoni tal-ispeċi kollha msemmija fl-Artikolu 1 fil-livell li jikkorrispondi partikolarment għall-ħtiġiet ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, filwaqt li tittieħed kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet ekonomiċi u rekreazzjonali.”

- 5 L-Artikolu 5(a) u (e) tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

“Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 9, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ġenerali ta’ protezzjoni għall-ispeċi kollha tal-għasafar imsemmija fl-Artikolu 1, li tipprojbixxi partikolarment:

(a) il-qtil u l-qabda intenzjonata bi kwalunkwe metodu;

[...]

(e) iż-żamma tal-għasafar ta’ speċi li l-kaċċa u l-qabda tagħhom hija pprojbita.”

- 6 L-Artikolu 7(1) u (4) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar” jipprevedi:

“1. Minħabba l-livell tal-popolazzjoni tagħhom, id-distribuzzjoni ġeografika u r-rata tar-riproduttività [fl-Unjoni], l-ispeċi elenkati fl-Anness II jistgħu jkunu suġġetti għall-kaċċa skont il-leġislazzjoni nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-kaċċa ta’ dawn l-ispeċi ma tfixkilx l-isforzi tal-konservazzjoni fiż-żona tad-distribuzzjoni tagħhom.

[...]

4. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-prattika tal-kaċċa, inkluż il-falkunerija jekk prattikata, kif prattikata bi qbil mal-miżuri nazzjonali fis-seħħ, tikkonforma mal-prinċipji tal-użu bil-għaqal u l-bilanċ ekoloġiku tal-kontroll tal-ispeċi tal-għasafar kkonċernati u li din il-prattika tkun kompatibbli għal dak li jirrigwarda l-popolazzjoni ta’ dawn l-ispeċi, partikolarment l-ispeċi migratorji, mall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 2.

Dawn għandhom jaraw partikolarment li l-ispeċi li japplikaw għalihom il-liġijiet tal-kaċċa ma humiex suġġetti għal kaċċa fl-istaġun tat-trobbija u lanqas waqt l-istadji differenti tar-riproduzzjoni.

Fil-każ tal-ispeċi migratorji, għandhom jaraw partikolarment li l-ispeċi li r-regolamenti tal-kaċċa japplika għalihom ma humiex suġġetti għall-kaċċa waqt il-perjodu tar-riproduzzjoni tagħhom jew waqt il-perjodu tar-ritorn tagħhom għall-postijiet tat-trobbija.

[...]”

- 7 L-Artikolu 9(1) u (2) ta’ din id-direttiva jiddisponi:

“1. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 8, fejn ma hemm ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti għar-raġunijiet li ġejjin:

[...]

(c) biex jippermettu, taħt kondizzjonijiet ta’ sorveljanza stretta u fuq bażijiet selettivi, il-qabda, iż-żamma jew l-użi oħra meqjusa ta’ ċerti għasafar f’numri żgħar.

2. Id-derogi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw:

(a) l-ispeċi li huma suġġetti għad-derogi;

(b) l-mezzi, l-arranġamenti jew il-metodi awtorizzati għall-qabda jew il-qtil;

(c) il-kondizzjonijiet tar-riskju u ċ-ċirkostanzi taż-żmien u l-post skont liema derogi bħal dawn jistgħu jingħataw;

- (d) l-awtorità li jkollha s-setgħa li tiddikjara li l-kundizzjonijiet meħtieġa jkunu sodisfatti u li tiddeċidi liema mezzi, arranġamenti jew metodi jistgħu jkunu użati, f'liema limiti u minn min;
- (e) il-kontrolli li se jkunu magħmula.”
- 8 L-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar l-“Għasafar” jiddisponi li d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 Dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 98), kif emendata minn atti sussegwenti, huwa mħassar. Hekk kif ippreċiżat mill-premessa 1 tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”, dan jipproċedi għal kodifikazzjoni tad-Direttiva 79/409.
- 9 L-Edredun (*Somateria mollissima*) jinsab fil-Parti B tal-Anness II tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”.
- 10 L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102, iktar 'il quddiem id-“Direttiva dwar il-‘Habitats’”), jipprevedi:
- “Sakemm ma jkunx hemm alternattiva sodisfaċenti u d-deroga mhix ta' dannu għall-ħarsien tal-popolazzjonijiet ta' l-ispeċi konċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 12, 13, 14 u 15 (a) u (b):
- (a) fl-interess li jħarsu l-fawna u l-flora selvaġġa u li jikkonservaw l-habitat naturali;
- (b) biex jipprevjenu l-ħsara serja, b'mod partikolari lill-uċuh tar-raba', lill-bhejjem, lill-foresti, lis-sajd u lill-ilma u lil tipi oħra ta' proprjetà;
- (c) fl-interessi tas-saħħa u s-sigurtà pubblika, jew għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi ma' l-interess pubbliku, inklużi dawk tat-tip soċjali jew ekonomiku u l-konsegwenzi ta' benefiċċju ta' l-akbar importanza għall-ambjent;
- (d) għall-għan tar-riċerka u l-edukazzjoni, biex tiġġedded il-popolazzjoni u biex jiġu introdotti mill-ġdid dawn l-ispeċi u għall-ħidmiet ta' tgħammir meħtieġa għal dawn l-iskopijiet, inkluża l-propagazzjoni artifiċjali tal-pjanti;
- (e) biex ikun jista' jsir, taħt kondizzjonijiet ta' sorveljanza stretta, fuq bażi selettiva u għal ammont limitat, it-teħid jew iż-żamma ta' ċerti kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness IV f'għadd limitat speċifikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.”

Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-proċedura prekontenzjuża

- 11 L-Edreduni rġiel huma tradizzjonalment ikkaċċjati fil-provinċja ta' Åland (il-Finlandja) fir-rebbiegħa.
- 12 Permezz tas-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-344/03, EU:C:2005:770), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Edredun raġel, awtorizzata fil-provinċja ta' Åland matul is-snin 1998 sa 2001, bħala mhux kompatibbli mad-Direttiva 79/409. Wara din is-sentenza, il-Gvern tal-provinċja ta' Åland ma tax liċenzji għall-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Edredun raġel għas-snin 2006 sa 2010.
- 13 Fl-2011, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni li tgħid li l-awtoritajiet ta' din il-provinċja reġgħu ħarġu liċenzji għall-prattika ta' din il-kaċċa fir-rebbiegħa. Minn dak inhar, l-imsemmija awtoritajiet baqgħu joħroġu l-liċenzji kull sena (iktar 'il quddiem l-“liċenzji kontenzjużi”).

- 14 Fil-fehma tal-Kummissjoni, dawn il-liċenzji ma humiex kompatibbli mad-Direttiva dwar l-“Għasafar”, li ttipprojbixxi l-kaċċa fir-rebbiegħa, sakemm ma jiġux issodisfatti l-kundizzjonijiet għad-deroga kif iddefiniti f’din id-direttiva. F’din il-kawża, ir-Repubblika tal-Finlandja ma tissodisfax dawn il-kundizzjonijiet sa fejn hija ma weriet la li l-imsemmija liċenzji jippermettu “użu meqjus”, u lanqas li l-kwoti tal-kaċċa kienu jikkonċernaw biss “numri żgħar” ta’ għasafar, fis-sens tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”.
- 15 Fit-22 ta’ Novembru 2012, il-Kummissjoni baġtet ittra ta’ intimazzjoni lir-Repubblika tal-Finlandja bis-saħħa tal-Artikolu 258 TFUE, fejn din l-istituzzjoni ddikjarat li l-ftuħ tal-istaġuni tal-kaċċa fir-rebbiegħa fl-2011 u fl-2012 kien inkompatibbli mal-Artikoli 7 u 9 tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”.
- 16 Permezz tar-risposta tagħha tal-21 ta’ Jannar 2013, ir-Repubblika tal-Finlandja ċaħdet il-ksur, billi sostniet li l-kaċċa fir-rebbiegħa kienet taqa’ taħt id-deroga prevista fl-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”.
- 17 Fis-27 ta’ Frar 2015, il-Kummissjoni baġtet ittra ta’ intimazzjoni komplementari lir-Repubblika tal-Finlandja, intiża għall-istaġuni tal-kaċċa fir-rebbiegħa tas-snin 2013 u 2014 li jikkostitwixxu eżempji supplimentari ta’ din il-prattika illegali. B’mod partikolari din l-istituzzjoni qieset li l-Artikolu 9(1)(c) ta’ din id-direttiva ma jiġġustifikax il-liċenzji kontenzjużi.
- 18 Permezz ta’ ittra tat-23 ta’ April 2015, ir-Repubblika tal-Finlandja wieġbet għal din l-ittra ta’ intimazzjoni komplementari billi ċaħdet l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni.
- 19 Fid-9 ta’ Diċembru 2016, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Repubblika tal-Finlandja opinjoni motivata fejn tenniet il-pożizzjoni tagħha.
- 20 Ir-Repubblika tal-Finlandja wieġbet fid-9 ta’ Frar 2017 fejn ċaħdet il-ksur u pprovdiet ċerta informazzjoni dwar l-istat tal-popolazzjoni tal-Edreduni.
- 21 Laqgħat bejn ir-rappreżentanti tal-provinċja ta’ Åland u uffiċjali tal-Kummissjoni seħħew fix-xhur ta’ Jannar u ta’ Marzu 2017. Permezz ta’ ittra tas-27 ta’ Lulju 2017, il-membri tal-Kummissjoni responsabbli għall-ħarsien tal-ambjent talab lill-awtoritajiet Finlandiżi u lil dawk tal-provinċja ta’ Åland sabiex itemmu l-ksur ikkonstatat. Il-Gvern tal-provinċja ta’ Åland wiegheb fit-22 ta’ Awwissu 2017 fejn ippreżenta strateġija għall-ġestjoni tal-popolazzjoni tal-Edreduni, li tinkludi kontroll tal-predaturi u inventarji, u fejn irrifjuta li jtemm il-kaċċa fir-rebbiegħa għal dawn l-għasafar. Fir-risposta tiegħu tat-22 ta’ Diċembru 2017, il-membri tal-Kummissjoni responsabbli għall-ħarsien tal-ambjent ikkonkludat li l-ksur baqa’ jppersisti.
- 22 Fit-8 ta’ Marzu 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

Fuq ir-rikors

L-argumenti tal-partijiet

- 23 Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-liċenzji kontenzjużi huma, minn naħa, inkompatibbli mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar” u, min-naħa l-oħra, ma jistgħux ikunu ġġustifikati bis-saħħa tal-Artikolu 9(1)(c) ta’ din id-direttiva.
- 24 Fl-ewwel lok, il-liċenzji kontenzjużi kienu inkompatibbli mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri, “[f]il-każ tal-ispeċi migratorji, għandhom jaraw partikolarment li l-ispeċi li r-regolamenti tal-kaċċa japplika għalihom ma humiex suġġetti għall-kaċċa waqt il-perjodu tar-riproduzzjoni”.

- 25 Il-Kummissjoni tikkunsidra li, f'dan il-każ, ma jistax jiġi kkontestat, bħal fil-kawża li waslet għas-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, *Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja* (C-344/03, EU:C:2005:770), li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fil-provinċja ta' Åland, li jdum minn tnejn sa tliet ġimgħat f'Mejju, jikkoinċidi mal-istaġun tat-tgħammir tal-Edreduni.
- 26 Dan l-element huwa kkorroborat mill-ħidma tal-kumitat ORNIS, li huwa l-kumitat għall-adattament tal-progress tekniku u xjentifiku tad-Direttiva dwar l-"Għasafar", stabbilit konformement mal-Artikolu 16 ta' din id-direttiva u magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet l-awtorità xjentifika tax-xogħol li jwettaq (sentenza tat-8 ta' Ġunju 2006, *WWF Italia et*, C-60/05, EU:C:2006:378, punti 26 u 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 27 Fit-tieni lok, ir-Repubblika tal-Finlandja ma tistax tiġġustifika l-inkompatibbiltà tal-liċenzji kontenżjużi mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva dwar l-"Għasafar" permezz tad-deroga prevista fl-Artikolu 9(1)(c) ta' din id-direttiva.
- 28 Fil-fatt, ir-Repubblika tal-Finlandja mhux biss ma stabbilixxiet li l-liċenzji kontenżjużi kienu jikkostitwixxu "użu meqjus", iżda, barra minn hekk, dan l-Istat Membru ma weriex li l-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Edredun taffettwa biss "numri żgħar" ta' għasafar, fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar l-"Għasafar".
- 29 Fir-rigward tal-assenza ta' prova ta' "użu meqjus", l-ewwel nett, ir-Repubblika tal-Finlandja ma weriex permezz ta' provi xjentifiċi solidi li hemm garanzija li l-popolazzjoni kkonċernata tinżamm f'"livell sodisfaċenti". Fil-fatt, l-elementi li fuqhom jibbaża ruħu dan l-Istat Membru jirriżultaw minn qari żbaljat u parzjali ta' ċerti dokumenti. Dawn id-dokumenti ma humiex aġġornati, bl-iktar dokument antik ikun tas-sena 2004, jew ma humiex rilevanti, fis-sens li jkkonċernaw popolazzjoni ta' daqs dinji jew Ewropew, jiġifieri ikbar minn dak inkwistjoni f'din il-kawża. B'kuntrast, erba' studji juru, għall-perijodu li jmur mis-sena 2011 sas-sena 2015, ix-xejra l-isfel ta' din il-popolazzjoni. Fir-rigward tas-snin ta' wara, tliet studji oħra jindikaw li s-sitwazzjoni marret għall-aġar u studju ieħor juri li s-sitwazzjoni kienet għadha inkwetanti b'tali mod li ma kienx possibbli li jiġi konkluż li l-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernata kienet ser tinżamm f'"livell sodisfaċenti".
- 30 Barra minn hekk, kemm id-data kkomunikata skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-"Għasafar" kemm mir-Repubblika tal-Finlandja kif ukoll mill-Istat Membru ġirien, ir-Renju tal-Isvezja, li huma rilevanti għal speċi li jpassu, juru tnaqqis fil-popolazzjoni tal-Edreduni fuq żmien qasir kif ukoll fit-tul. Il-Kummissjoni tagħraf li hemm bosta raġunijiet għal dan it-tnaqqis. Madankollu, hija tenfasizza li s-sentenzi tat-8 ta' Ġunju 2006, *WWF Italia et* (C-60/05, EU:C:2006:378, punt 32), kif ukoll tal-10 ta' Settembru 2009, *Il-Kummissjoni vs Malta* (C-76/08, EU:C:2009:535, punt 59), dwar "użu meqjus", fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar l-"Għasafar", jeskludu l-benefiċċju tad-deroga prevista fl-Artikolu 9(1)(c) ta' din id-direttiva jekk ma hemm l-ebda garanzija li l-popolazzjoni kkonċernata tinżamm f'"livell sodisfaċenti", u dan irrispettivament minn jekk il-kaċċa tikkontribwixxix għall-istat ħażin ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni. Fil-fatt, ma jkunx xieraq li titħalla l-kaċċa għal dawn il-popolazzjonijiet anki meta din ma hijiex fl-orijini ta' dan l-istat ta' konservazzjoni mhux favorevoli jew li ma tikkontribwixxix għalih.
- 31 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkontesta l-pożizzjoni tar-Repubblika tal-Finlandja li tgħid li l-ġhoti tal-liċenzji kontenżjużi huwa ġustifikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-"Habitats" f'każ ta' stat ta' konservazzjoni mhux favorevoli u, konformement mas-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, *Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja* (C-342/05, EU:C:2007:341, punt 29), "jibqa' possibbli bħala eċċezzjoni meta jiġi debitament stabbilit [li tali liċenzji] mhum iex ta' natura li jaggravaw l-istat ta' konservazzjoni mhux favorevoli ta' dawn il-popolazzjonijiet jew li jipprevenuhom milli jerġgħu jilħqu stat ta' konservazzjoni favorevoli". Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss qatt ma applikat din l-eċċezzjoni fil-kuntest tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-"Għasafar", li fiha kundizzjonijiet differenti u li l-istruttura tagħha hija differenti minn dik tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-"Habitats", iżda fuq

kollox ir-Repubblika tal-Finlandja ma stabbilixxietx b'mod xieraq li l-liċenzji kontenżjużi għandhom effetti “newtrali” biss fuq il-popolazzjoni tal-Edreduni kkonċernati. Għall-kuntrarju, ix-xjentisti osservaw, fir-rigward tal-effett tal-kaċċa għall-Edredun, li t-tkissir tar-rabtiet tal-koppji kkontribwixxa għal tnaqqis fit-tul fil-fertilità tal-Edreduni nisa f'popolazzjoni fejn l-Edreduni rġiel jitneħħew regolarment minħabba l-kaċċa fir-rebbiegħa.

- 32 It-tieni nett, ir-Repubblika tal-Finlandja ma stabbilixxietx li l-kaċċa fir-rebbiegħa hija meħtieġa għall-kontroll tal-predaturi u għalhekk tikkostitwixxi “użu meqjus”. Fil-fatt, jekk dan l-Istat Membru kien diġà argumenta, fil-kuntest tal-proċedura li tat lok għas-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-344/03, EU:C:2005:770), li l-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Edredun kienet iġġustifikata fuq il-bażi li l-kaċċaturi jtejbu l-kundizzjonijiet sabiex dawn ibejtu billi jeliminaw il-predaturi żgħar preżenti fil-postijiet ta' trobbija, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet, fil-punt 35 ta' din is-sentenza, ċaħdet dan l-argument, billi enfasizzat li “ma jidhirx li [...] operazzjoni [tal-ġestjoni tal-ambjent naturali] tista' tiġi mwettqa biss bil-kundizzjoni li l-kaċċa ta' l-Edredun tkun miftuħa fir-rebbiegħa”.
- 33 Fir-rigward tal-prova li l-kaċċa tikkonċerna biss “numri żgħar”, filwaqt li r-Repubblika tal-Finlandja użat bħala bażi għall-kalkolu l-popolazzjoni li fix-xitwa tkun qed tpassi fuq ir-rotta tal-Baħar Baltiku/tal-Baħar Wadden, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li dan l-Istat Membru kellu jibbaża fuq il-popolazzjoni li tbejjet fil-gżejjer tal-provinċja ta' Åland. Fil-fatt, għalkemm ma huwiex ikkontestat li l-Edredun huwa għasfur li jpassi, il-liċenzji kontenżjużi ma jikkonċernawx l-Edreduni “fil-proċess li jpassi”, iżda daww li bdew jgħammru u li għalhekk ma jiċċaqalqux. Barra minn hekk, dawn il-liċenzji huma limitati għall-għasfar preżenti fil-gżejjer tal-provinċja ta' Åland.
- 34 L-għażla tal-popolazzjoni ta' riferiment magħmula mir-Repubblika tal-Finlandja twassal għal stima żejda tan-numru ta' għasfar disponibbli għall-kaċċa fil-mument u fil-post li għalih japplikaw l-imsemmija liċenzji. Minħabba d-daqs tal-popolazzjoni kollha tal-Edreduni li fix-xitwa tkun qed tpassi fuq ir-rotta tal-Baħar Baltiku/tal-Baħar Wadden, anki frazzjoni ta' din il-popolazzjoni ma tikkostitwixxi “numru żgħir” tal-popolazzjoni li tbejjet fil-gżejjer tal-provinċja ta' Åland. Issa, il-popolazzjoni tal-Edreduni li fix-xitwa tkun qed tpassi fuq ir-rotta tal-Baħar Baltiku/tal-Baħar Wadden, ma tpassix kollha lejn il-Finlandja.
- 35 Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Finlandja injorat l-effetti kumulattivi tal-metodu ta' kalkolu tagħha. Mhux biss ebda Stat Membru ieħor ma jagħmel il-kalkolu b'dan il-mod, iżda, jekk kull Stat Membru jagħmel hekk, ma tibqax kwistjoni ta' “numri żgħar” għal kull waħda mill-popolazzjonijiet ikkonċernati bid-derogi rispettivi, iżda ta' frazzjonijiet li, miżjuda flimkien, neċessarjament ikunu ikbar. Billi naqset milli ttipprovdi data dwar il-popolazzjoni li tbejjet fil-gżejjer tal-provinċja ta' Åland, ir-Repubblika tal-Finlandja ma setgħetx tistabbilixxi li d-deroga kienet tikkonċerna biss “numri żgħar”.
- 36 Fir-risposta tiegħu, dan l-Istat Membru jiddikjara mill-bidu li jqis li l-kawża preżenti ma tikkonċernax speċi fil-periklu jew li tista' tisparixxi, imbagħad ikompli billi jagħmel tliet rimarki preliminari.
- 37 L-ewwel nett, il-popolazzjoni tal-Edreduni hija “stabbli/tvarja” u t-tnaqqis f'din il-popolazzjoni osservata mid-disgħinijiet huwa dovut l-iktar għal evoluzzjoni naturali. Ikun xjentifikament żbaljat li jingħaqad l-iżvilupp tal-popolazzjoni tal-Edreduni mal-epoka li matulha din il-popolazzjoni kienet laqget il-quċċata tagħha, li tkun dovuta għal kundizzjonijiet artifiċjali, inkluż b'mod partikolari l-ewtrofikazzjoni tal-Baħar Baltiku u tal-Baħar Wadden kif ukoll in-nuqqas ta' predaturi. Konsegwentement, speċi li qed tonqos ma tistax tiġi ddefinita awtomatikament bħala li għandha livell ta' popolazzjoni mhux sodisfaċenti jew status ta' konservazzjoni mhux favorevoli. Dan ikun iktar u iktar il-każ meta, bħal fil-kawża preżenti, il-prattika tal-kaċċa fir-rebbiegħa ma hijiex relatata ma' kwalunkwe tnaqqis.

- 38 It-tieni nett, l-inklużjoni, għall-Unjoni, tal-ispeċi kkonċernata fil-kategorija “kważi mhedda” tal-“lista l-ħamra” ta’ speċi mhedda tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura u r-Riżorsi Naturali (UIKN) ma tfissirx li din l-ispeċi tinsab fil-periklu jew f’riskju għoli, sa fejn din il-klassifikazzjoni ma tikkunsidrax l-imsemmija xejra “stabbli/tvarja” iċċitata iktar ’il fuq.
- 39 It-tielet nett, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”, u b’mod partikolari tal-Artikolu 9(1)(c) tagħha, il-Kummissjoni żbaljat meta qieset li l-kaċċa fir-rebbiegħa hija fiha nnifisha irraġonevoli.
- 40 Fir-rigward tal-mertu tar-rikors, ir-Repubblika tal-Finlandja ssostni li l-liċenzji kontenzjużi jikkonformaw mal-kundizzjonijiet relatati mal-“użu meqjus” u “numri żgħar”.
- 41 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kunċett ta’ “użu meqjus”, dan l-Istat Membru jsostni, qabel kolloxx, billi jibbaża fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-“Habitats”, li l-“livell sodisfaċenti” tal-popolazzjoni kkonċernata ma tikkostitwixx kundizzjoni minn qabel għall-għoti tad-deroga stabbilita mill-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”.
- 42 Sussegwentement, anki jekk il-“livell sodisfaċenti” tal-popolazzjoni kkonċernata jikkostitwixxi kundizzjoni minn qabel għall-għoti tal-imsemmija deroga, ir-Repubblika tal-Finlandja tindika li hija rreferiet għal ħames studji u tqis li hija bbażat ruħha fuq provi xjentifiċi b’saħħithom sabiex tinfetħ il-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Edredun raġel fil-provinċja ta’ Åland.
- 43 Fl-aħħar nett, il-livelli tal-popolazzjoni stabbiliti ma jeskludux il-kaċċa fir-rebbiegħa. Fil-fatt, il-kundizzjoni li żżomm il-popolazzjoni f’“livell sodisfaċenti” tista’ tiġi ssodisfatta jekk id-deroga ma tkunx ta’ natura li taggrava l-istat tal-popolazzjoni jew li tostakola ż-żamma tal-istat tal-popolazzjoni f’tali livell. Barra minn hekk, il-kaċċa fir-rebbiegħa tħeġġeġ lill-komunitajiet tal-kaċċaturi sabiex jipparteċipaw fi pjan ta’ ġestjoni u jieħdu miżuri ta’ konservazzjoni.
- 44 Fuq il-bażi tal-Gwida dwar il-Kaċċa Sostenibbli adottata fl-2008 mill-Kummissjoni b’applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-“Għasafar” (iktar ’il quddiem il-“Gwida”), ir-Repubblika tal-Finlandja hija tal-fehma li din l-istituzzjoni hija stess taċċetta l-fatt li l-ispeċi li l-istat ta’ konservazzjoni tagħhom ma hijiex favorevoli jistgħu jiġu kkaċċjati, sa fejn dan jista’ jikkostitwixxi inkentiv qawwi għall-immaniġġjar tal-habitats u sabiex jinfluwenza fatturi oħra li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-popolazzjoni, billi hekk jikkontribwixxu għall-għan li l-popolazzjonijiet jerġa’ jkollhom stat favorevoli ta’ konservazzjoni. Barra minn hekk, dan il-motiv jikkostitwixxi r-raġuni għalfejn pjan ta’ ġestjoni ġie adottat mill-Gvern tal-provinċja ta’ Åland fl-2017 u fl-2018 fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni għall-kaċċa fir-rebbiegħa. Ir-Repubblika tal-Finlandja tindika, barra minn hekk, li l-kaċċa ta’ 2000 Edredun raġel kienet awtorizzata wkoll għall-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa tas-sena 2019.
- 45 F’dan ir-rigward, kuntrarjament għal dak li tafferma l-Kummissjoni, il-kjarifika magħmula fil-punt 35 tas-sentenza tal-15 ta’ Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-344/03, EU:C:2005:770), li tgħid li “għalkemm huwa veru li l-kaċċaturi jwettqu operazzjoni utli f’dak li għandu x’jaqsam mal-ġestjoni ta’ l-ambjent naturali meta, fir-rebbiegħa, jikkaċċjaw il-predaturi ż-żgħar sabiex l-Edredun ibejjet b’riżultati aħjar, ma jidhirx li tali operazzjoni tista’ tiġi mwettqa biss bil-kundizzjoni li l-kaċċa ta’ l-Edredun tkun miftuħa fir-rebbiegħa”, saret fid-dawl tal-kunċett ta’ “assenza ta’ soluzzjoni alternattiva”, u l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkunsidrat impliċitament, iżda b’ċertezza, li l-kaċċaturi xorta jkollhom inkentiv sabiex jeżerċitaw kontroll fuq il-predaturi.
- 46 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kundizzjoni relatata ma’ “numri żgħar”, minn naħa, jirriżulta mis-sentenzi tad-9 ta’ Diċembru 2004, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-79/03, EU:C:2004:782, punt 36), u tal-15 ta’ Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-344/03, EU:C:2005:770, punt 53), li “popolazzjoni kkonċernata” għandha tfisser, fir-rigward tal-ispeċi li jpassu, “l-popolazzjoni ta’ reġjuni li jipprovdu l-kontinġenti prinċipali li jgħaddu fuq ir-reġjun fejn hija fis-seħħ id-deroga matul il-perijodu ta’ applikazzjoni tagħha”. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għamlet l-ebda riżerva għal din

id-definizzjoni, għalhekk huwa evidenti li l-kunċett ta' "speċi li jpassu" jirreferi għall-imġieba bijoloġika tal-ispeċi kkonċernati u ma jimplikax li l-ispeċi hija "fil-proċess li tpassi", u, għaldaqstant, li qed tiċċaq laq waqt il-kaċċa. Issa, speċi ta' għasafar hija jew sedentarja jew li tpassi, u hija mhux ser tieqaf tkun hekk għall-unika raġuni li l-għasafar tal-ispeċi kkonċernati ma humiex "fil-proċess li jpassu".

- 47 Min-naħa l-oħra, peress li l-ebda Stat Membru ieħor ħlief ir-Repubblika tal-Finlandja ma jawtorizza l-kaċċa fir-rebbiegħa tal-Edredun raġel li jkun qed ipassi fuq ir-rotta tal-Baħar Baltiku/tal-Baħar Wadden, l-ebda prattika ta' kaċċa ma tikkoinċidi mal-kaċċa fir-rebbiegħa fil-provinċja ta' Åland u għalhekk ma hemmx bżonn li jiġu kkalkolati l-effetti kumulattivi, peress li, speċifikament, ma hemmx.
- 48 Fir-replika tagħha, u fir-rigward tal-"użu meqjus", il-Kummissjoni tippreċiża, l-ewwel nett, li l-interpretazzjoni miġjuba mir-Repubblika tal-Finlandja tikser il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenzi tagħha tat-8 ta' Ġunju 2006, *WWF Italia et* (C-60/05, EU:C:2006:378, punt 32), kif ukoll tal-10 ta' Settembru 2009, *Il-Kummissjoni vs Malta* (C-76/08, EU:C:2009:535, punt 59), skont liema "derogi taħt l-Artikolu 9 tad-Direttiva [dwar l-'Għasafar'] jistgħu jiġu implimentati biss jekk jiġi ggarantit li l-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernati ser tinżamm f'livell sodisfaċenti u li, fin-nuqqas ta' din il-garanzija, il-kaċċa tal-għasafar ma tistax, fi kwalunkwe każ, titqies li hija raġonevoli". It-tieni nett, din l-istituzzjoni tinsisti fuq il-fatt li s-sistema ta' deroga prevista fl-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-"Għasafar" hija iktar eżiġenti minn dik prevista fl-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-"Habitats". Fil-fatt, billi jillimita speċifikament l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-"Għasafar" għal każijiet ta' "użu meqjus", il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jissuġġetta din id-dispożizzjoni ta' deroga għal rekwiżit iktar strett, li jillimita d-derogi għall-każijiet li fihom il-livell ta' popolazzjoni tal-għasafar ikun sodisfaċenti. It-tielet nett, minn naħa, ix-xejriet l-isfel fil-popolazzjoni ta' speċi kkonċernata evidentement jikkostitwixxu fattur rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk il-livell tal-popolazzjoni tiegħu huwiex sodisfaċenti jew le. Min-naħa l-oħra, peress li Stat Membru ma jiggarantixxi iż-żamma tal-imsemmija popolazzjoni f'"livell sodisfaċenti", il-kaċċa fir-rebbiegħa ma tistax tikkostitwixxi "użu meqjus", irrISPettivament mill-fatt li l-kaċċa tikkostitwixxi jew le l-kawża prinċipali għat-tnaqqis tal-imsemmija popolazzjoni.
- 49 Fir-rigward tal-istudji pprovduti, dawk ippreżentati mir-Repubblika tal-Finlandja ma humiex biżżejjed sabiex jikkontradixxu l-provi li jindikaw ix-xejra l-isfel fil-popolazzjoni tal-Edreduni, li jikkostitwixxu indikatur importanti ta' stat mhux sodisfaċenti tal-popolazzjoni.
- 50 Barra minn hekk, dan l-Istat Membru jressaq argumenti rigward il-kontroll tal-predaturi li ma humiex rilevanti legalment. Minn naħa, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija intiża sabiex tiddetermina jekk il-ftuħ tal-kaċċa hijiex neċessarja sabiex titwettagħ operazzjoni potenzjalment utli jew jekk din l-operazzjoni tistax tiġi żgurata indipendentement mill-kaċċa. F'din il-kawża, ir-risposta tar-Repubblika tal-Finlandja ma tippreżenta l-ebda prova li turi li l-popolazzjoni tal-Edreduni hija fi stat iktar favorevoli, fil-gżejjer tal-provinċja ta' Åland, fil-Finlandja kollha, fil-Baħar Baltiku jew li qed ipassu fil-Baħar Baltiku/Baħar Wadden, permezz tal-kaċċa fir-rebbiegħa u l-kontroll tal-predaturi.
- 51 Min-naħa l-oħra, l-argument li jgħid li l-letteratura xjentifika tapprova l-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Edredun raġel fuq il-bażi li l-popolazzjoni tkun magħmula prinċipalment mill-Edreduni rġiel ma hijiex fil-fatt disponibbli u din il-letteratura tirrakkomanda li l-kaċċa għall-Edreduni rġiel tiġi limitata matul ix-xitwa. B'mod partikolari, dan l-argument jikkontradixxi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkunsidra li speċi bijoloġika hija definita bħala s-sett tal-individwi kollha li jikkostitwixxu komunità ta' tgħammir u għalhekk l-ispeċi għandha tkun protetta kollha kemm hija (sentenza tat-12 ta' Lulju 2007, *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija*, C-507/04, EU:C:2007:427, punt 235).
- 52 Fil-kontroreplika tagħha, ir-Repubblika tal-Finlandja tagħmel diversi osservazzjonijiet preliminari. B'mod partikolari, kienet sorpriża li l-Kummissjoni ma ħaditx pożizzjoni dwar il-pjan ta' ġestjoni operazzjonali implimentat fil-Finlandja mis-sena 2017.

- 53 Fir-rigward tal-kunċett ta' "użu meġjus", ir-Repubblika tal-Finlandja ssostni l-argument tagħha li ż-żamma f'"livell sodisfaċenti" ma tikkostitwixxi kundizzjoni minn qabel skont l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-"Għasafar". Barra minn hekk, dan l-Istat Membru jsostni li l-argument tiegħu ma jikkonsistix fit-traspożizzjoni tas-sistema tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-"Habitats" fid-Direttiva dwar l-"Għasafar", iżda fl-argument favur interpretazzjoni konverġenti tad-derogi li jinsabu f'dawn iż-żewġ direttivi. Barra minn hekk, huwa jafferma mill-ġdid id-distinzjoni meħtieġa bejn speċi li qed tonqos u speċi bi status ta' konservazzjoni mhux favorevoli.
- 54 Minbarra l-ikkontestar tal-analiżi tal-istudji mwettqa mill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Finlandja tressaq dikjarazzjoni tad-29 ta' Lulju 2019 ta' wieħed mix-xjenzati ewlenin li jispeċjalizzaw fir-riċerka dwar l-Edredun fil-Finlandja, fejn f'din huwa jikkunsidra li l-istrateġija ta' ġestjoni stabbilita fil-gżejjer tal-provinċja ta' Åland tkun kemm iġġustifikata kif ukoll fondata, kif ukoll marbuta mill-qrib mas-sitwazzjoni lokali. Huwa jikkunsidra wkoll li l-pjan ta' ġestjoni msemmi fil-punt 52 ta' din is-sentenza u l-miżuri meħuda f'dan ir-rigward ikollhom effett pożittiv fuq il-popolazzjoni tal-Edreduni fil-provinċja ta' Åland li għandha tiżboq l-effett negattiv indott mit-tnaqqis fil-kapaċità ta' tgħammir ta' numru limitat ta' Edreduni nisa.
- 55 Dwar il-kontroll tal-predaturi, ir-Repubblika tal-Finlandja tindika, l-ewwel nett, li l-komunità lokali tal-kaċċaturi tiflew kull interess li għandha sabiex tiegħu sehem fil-kontroll tal-predaturi jekk il-kaċċa fir-rebbiegħa tal-Edredun kellha tkun ipprojbata. Il-projbizzjoni fuq il-kaċċa fir-rebbiegħa fil-provinċja ta' Åland għalhekk tammonta għal projbizzjoni sħiħa fuq il-kaċċa. Sussegwentement, dan l-Istat Membru jsostni li l-involviment tal-komunitajiet lokali fil-programmi ta' konservazzjoni għandu jkun inkuraġġit. Skont ir-Repubblika tal-Finlandja, il-Kummissjoni tfittex li teskludi l-ikbar grupp ta' partijiet interessati fil-konservazzjoni futura tal-Edredun billi tneħħi l-uniku inċentiv tagħhom sabiex jipparteċipaw f'tali programmi. Dan l-Istat Membru jikkonkludi li l-projbizzjoni fuq il-kaċċa fir-rebbiegħa meħtieġa mill-Kummissjoni hija sproporzjonata billi ma tikkunsidrax il-fatt li din il-kaċċa bl-ebda mod ma kkontribwiet għat-tnaqqis tal-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernata u r-rwol pożittiv li għandha l-komunità lokali tal-kaċċaturi fil-konservazzjoni ta' din il-popolazzjoni.
- L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja***
- 56 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li r-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 7(4) u l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-"Għasafar", billi tawtorizza regolarment il-ħruġ ta' liċenzji tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Edredun raġel fil-provinċja ta' Åland mis-sena 2011.
- 57 Għandu jiġi rrilevat li, fir-risposta tagħha, ir-Repubblika tal-Finlandja tindika li dawn il-liċenzji ngħataw sa mill-inqas sal-kaċċa fir-rebbiegħa fis-sena 2019.
- 58 Issa, jekk l-eżistenza ta' nuqqas għandha tiġi evalwata fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-Istat Membru hekk kif kienet fl-aħħar tat-terminu ffissat fl-opinjoni motivata, is-suġġett ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jista' jestendi għal fatti sussegwenti għall-opinjoni motivata, sakemm dawn ikunu tal-istess natura u jikkostitwixxu l-istess aġir bħall-fatti msemmija fl-imsemmija opinjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija, C-488/15, EU:C:2017:267, punti 40 u 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 59 Minn dan isegwi li għandu jiġi eżaminat il-mertu ta' dan ir-rikors għas-snin 2011 sa 2019.
- 60 L-Artikolu 7(4) ta' din id-direttiva jimponi lill-Istati Membri li jiżguraw, b'mod partikolari, li l-ispeċi ta' għasafar elenkati fl-Anness II tal-imsemmija direttiva ma jiġux ikkaċċjati matul il-perjodu ta' tgħammir.

- 61 F'dan il-każ, l-Edredun huwa speċi elenkata fil-Parti B tal-Anness II tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”. Ma huwiex ikkontestat li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għal din l-ispeċi fil-provinċja ta' Åland jikkoinċidi mal-istaġun tat-tgħammir tagħha.
- 62 Għalhekk, dan l-istaġun jagħmel parti mill-perijodi li fihom l-Artikolu 7(4) tal-imsemmija direttiva jipprojbixxi, bħala prinċipju, kull kaċċa għall-Edredun (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-507/04, EU:C:2007:427, punt 195).
- 63 Madankollu, ir-Repubblika tal-Finlandja tikkunsidra li l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar” jiġġustifika l-liċenzji kontenżjużi.
- 64 Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tawtorizza, għall-ispeċi kollha ta' għasafar, u jekk ma teżisti l-ebda “soluzzjoni oħra sodisfaċenti”, deroga mill-Artikoli 5 u 7 ta' din id-direttiva li tippermetti, taħt kundizzjonijiet strettament ikkontrollati u b'mod selettiv, il-qbid, iż-żamma jew kull “użu meqjus” ieħor ta' ċerti għasafar “f'numri żgħar”.
- 65 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kaċċa għall-għasafar selvaġġi għal skopijiet ta' divertiment matul il-perijodi indikati fl-Artikolu 7(4) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar” jista' jikkostitwixxi “użu meqjus” awtorizzat mill-Artikolu 9(1)(c) tal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2003, Ligue pour la protection des oiseaux *et*, C-182/02, EU:C:2003:558, punt 11 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 66 Għad hemm lok ukoll li jiġi enfasizzat, fir-rigward tas-sistema ta' deroga bħal dik prevista fl-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”, li għandha tiġi interpretata b'mod strett u li għandha tqiegħed l-oneru tal-prova tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet meħtieġa, fir-rigward ta' kull deroga, fuq l-awtorità li tiegħu d-deċiżjoni dwar tali deroga, li l-Istati Membri huma meħtieġa li jiggarrantixxu li kull intervent li jolqot lill-ispeċi protetti jkun awtorizzat biss fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li jkun fihom motivazzjoni preċiża u adegwata li tirreferi għall-motivi, għall-kundizzjonijiet u għar-rekwiżiti previsti fl-imsemmi artikolu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2006, WWF Italia *et*, C-60/05, EU:C:2006:378, punt 34).
- Fuq il-kundizzjoni relatata mal-“użu meqjus”*
- 67 Mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”, li jagħmlu riferiment għall-kontroll strett tad-deroga prevista f'dan l-artikolu u għan-natura selettiva tal-qabdiet, kif ukoll, barra minn hekk, mill-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, jirriżulta li l-imsemmija deroga li Stat Membru jkollu l-intenzjoni juża għandha tkun proporzjonata meta mqabbla mal-ħtiġijiet li jiġġustifikawha (sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Malta, C-76/08, EU:C:2009:535, punt 57).
- 68 Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet li derogi taħt l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-“Għasafar” jistgħu jiġu implimentati biss jekk jiġi ggarantit li l-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernati ser tinżamm f'“livell sodisfaċenti” u li, fin-nuqqas ta' din il-garanzija, il-kaċċa tal-għasafar ma tistax, fi kwalunkwe każ, titqies li hija raġonevoli u, għaldaqstant, li huwa użu ammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Ġunju 2006, WWF Italia *et*, C-60/05, EU:C:2006:378, punt 32, kif ukoll tal-10 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Malta, C-76/08, EU:C:2009:535, punt 59).
- 69 F'din il-kawża, huwa meħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernati tinżammx f'“livell sodisfaċenti”, inkella, hekk kif infakkar mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, il-kundizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”, u b'mod partikolari dak tal-“użu meqjus”, ma jkunux issodisfatti.
- 70 F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed ifakkar li l-elementi li juru li l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex ikun hemm deroga mis-sistema ta' protezzjoni ta' din id-direttiva għandhom ikunu bbażati fuq għarfien xjentifiku stabbilit sewwa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005,

Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-344/03, EU:C:2005:770, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-aħjar għarfien rilevanti għandu jkun disponibbli għall-awtoritajiet fil-mument meta joħorġu l-liċenzji (ara, fir-rigward tal-ispeċi protetti koperti mid-Direttiva dwar il-“Habitats”, is-sentenzi tas-7 ta’ Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging, C-127/02, EU:C:2004:482, punti 52 u 61, kif ukoll tal-10 ta’ Ottubru 2019, Luonnonsuojeluyhdistys Tapiola, C-674/17, EU:C:2019:851, punt 51). Dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw ukoll għall-Artikolu 9(2) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”.

- 71 F’dan il-każ, it-tabella li fuqha hija bbażata r-Repubblika tal-Finlandja fiha ħames studji, jiġifieri, l-ewwel nett, il-klassifikazzjoni, fuq livell dinji, għas-sena 2015, mill-UIKN tal-ispeċi kkonċernata fil-kategorija “tħassib żgħir”, it-tieni nett, ir-rapport tal-2004 redatt mill-organizzazzjoni mhux governattiva BirdLife International, li jagħti lill-Edredun “status ta’ konservazzjoni favorevoli” fuq livell pan-Ewropew, it-tielet nett, il-Gwida, ir-raba’ nett, il-klassifikazzjoni stabbilita, fl-2015, mill-organizzazzjoni mhux governattiva Wetlands International, tal-popolazzjoni li qed tpassi fil-Baħar Baltiku/Baħar Wadden fil-kategorija “tħassib żgħir” u, il-ħames nett, il-“lista l-ħamra” tal-Finlandja tal-2010 li tikklassifika lill-Edredun fil-kategorija “kważi mhedda” fil-Finlandja.
- 72 Qabel kollox għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel u r-raba’ studju huma tas-sena 2015 u għalhekk ma jistgħux jiġġustifikaw l-liċenzji kontenżjużi għas-snin 2011 sa 2014. Barra minn hekk, għalkemm l-ewwel studju, li jikkonċerna l-klassifikazzjoni tal-ispeċi kkonċernata fuq livell dinji, ċertament iqiegħed l-ispeċi kkonċernata fil-kategorija “tħassib żgħir” fuq livell dinji, din l-istess organizzazzjoni madankollu telenka lil din l-ispeċi fost dawk “fil-periklu” fuq livell tal-Unjoni għall-istess sena.
- 73 Sussegwentement, it-tieni u t-tielet studju, rispettivament, huma tas-sena 2004 u tas-sena 2008. Fir-rigward tagħhom, ir-Repubblika tal-Finlandja tqis li l-Kummissjoni ma werietx li ma baqgħux aġġornati.
- 74 F’dan ir-rigward, minn naħa, ma jistax jiġi sostnut li Stat Membru għandu l-aħjar għarfien xjentifiku, meta, fil-mument meta l-awtorità kompetenti tadotta d-deċiżjoni tagħha, din tal-aħħar tkun ibbażata fuq studju ppubblikat seba’ snin qabel b’tali mod li, ħlief fejn indikat mod ieħor, huwa permess li jiġi kkunsidrat li studju sussegwenti, li janalizza data relatata mas-snin l-iktar reċenti, ikun fih data iktar kurrenti u għalhekk, konsegwentement, ikollu grad ferm ogħla ta’ eżattezza u ta’ rilevanza.
- 75 Min-naħa l-oħra, jekk ma hemmx ċertezza, kuntrarjament għall-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni, li tkun tista’ tikkunsidra li l-Gwida, li tmur lura għas-sena 2008, ma kinitx aktar aġġornata, u anki jekk għandu jiġi enfasizzat li din kienet ġiet ippubblikata fil-kuntest tad-Direttiva 79/409, il-konklużjonijiet li r-Repubblika tal-Finlandja tislet minn din il-gwida madankollu ġejjin minn qari parzjali tal-kontenut tagħha. Fil-fatt, minkejja li l-imsemmija gwida ċertament telenka l-Edredun fl-ispeċi “kaċċjabbli”, fuq kollox tistabbilixxi li din l-ispeċi hija fost dawk li l-istat ta’ konservazzjoni tiegħu “ma huwiex favorevoli”.
- 76 Minn dan isegwi li r-Repubblika tal-Finlandja ma tistax tibbaża ruħha fuq l-ewwel erba’ studji msemmija fil-punt 71 ta’ din is-sentenza sabiex turi li l-awtorità li tat l-liċenzji kontenżjużi kellha għarfien xjentifiku stabbilit sewwa li jippermettilha tqis li l-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernata nżammet f’“livell sodisfaċenti” għas-snin 2011 sal-2014.
- 77 Madankollu, ir-Repubblika tal-Finlandja kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-“lista l-ħamra” Finlandiża stabbilita fl-2010, li kienet tikkonċerna analiżi reċenti tal-istat ta’ konservazzjoni tal-ispeċi ta’ għasafar fit-territorju tagħha.
- 78 F’dak ir-rigward, dan l-Istat Membru jikkunsidra li l-fatt li din il-“lista l-ħamra” Finlandiża tikklassifika, fl-2010, l-Edredun fil-kategorija “kważi mhedda” ma jnaqqasx, iżda jikkorroborra l-argument tiegħu li l-liċenzji kontenżjużi għas-snin 2011 sal-2015 kienu bbażati fuq elementi xjentifiċi solidi.

- 79 Għandu jiġi kkonstatat li tali argument ma jirriflettix it-titolu stess ta' din il-kategorija, jew id-definizzjoni mogħtija. Fil-fatt, l-imsemmija kategorija hija ddefinita f'dawn it-termini "[g]rupp jingħad li huwa '[k]ważi mhedded' meta jkun għe evalwat skont il-kriterji [relatati mad-daqs u l-evoluzzjoni tal-popolazzjoni, għad-distribuzzjoni ġeografika tiegħu kif ukoll għal analiżi kwantitattiva] u fil-preżent ma jissodisfax il-kriterji tal-kategoriji '[f]periklu kritiku', '[f]il-periklu' jew '[v]ulnerabbli' iżda li huwa qrib li jissodisfa l-kriterji li jikkorrispondu għall-kategoriji tal-grupp '[m]hedded' jew li probabbilment ser jissodisfahom fil-futur qarib".
- 80 Barra minn hekk, huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li, minkejja li r-Repubblika tal-Finlandja tfakkar li, f'termini ta' riskji, il-kategorija "kważi mhedda" tokkupa t-tieni grad fin-nomenklatura tal-imsemmija lista, l-intestaturi tal-kategoriji ta' grad oġġla, indikati bħala "vulnerabbli", "fil-periklu", "f'periklu kritiku", "estint fis-selvaġġ" u "estint", jindikaw li l-inklużjoni ta' din l-ispeċi f'dawn il-kategoriji ma tistax turi la li l-ispeċi hija fi stat favorevoli u lanqas li hija ħielsa minn kull tħassib.
- 81 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkwota diversi studji li, essenzjalment, jikkontradixxu fil-biċċa l-kbira tagħhom l-affermazzjoni magħmula mir-Repubblika tal-Finlandja li hija kienet kapaċi tiggarrantixxi ż-żamma tal-popolazzjoni preżenti li qed tpassi fil-Baħar Baltiku/Baħar Wadden f'"livell sodisfaċenti" fil-ftuħ tal-istaġuni tal-kaċċa fir-rebbiegħa matul il-perijodu li jmur mis-sena 2011 sal-2015.
- 82 Għas-snin sussegwenti, huwa ċar li l-UIKN, BirdLife International, Wetlands International u l-"lista l-ħamra" Finlandiża, imsemmija fil-punt 71 ta' din is-sentenza, kollha kklassifikaw mill-ġdid lill-Edredun fl-oġġla kategoriji ta' riskju.
- 83 Barra minn hekk, huwa veru li l-fatt li x-xejra l-isfel fil-popolazzjoni ta' speċi kkonċernata ma hijiex minnha nnifisha biżżejjed sabiex turi li din il-popolazzjoni tinsab fi stat ta' konservazzjoni mhux sodisfaċenti. Madankollu, meta elementi addizzjonali ma jindikawx li, għal raġunijiet oħra, is-sitwazzjoni għandha madankollu titqies favorevoli, tali ċirkustanza ma tagħmilx possibbli li titqies li l-popolazzjoni tinżamm fuq "livell sodisfaċenti".
- 84 Għandu jingħad ukoll, fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar l-"Għasafar" u d-Direttiva dwar il-"Habitats", li, filwaqt li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, għat-tieni waħda, il-possibbiltà li jingħataw derogi f'każ ta' stat ta' konservazzjoni mhux favorevoli, minn naħa, l-għoti ta' tali derogi jista' jseħħ biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali u, min-naħa l-oħra, tali għoti għandu jkun evalwat wkoll fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawzjoni (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tad-Direttiva dwar il-"Habitats", is-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2019, Luonnonsuojeluyhdistys Tapiola, C-674/17, EU:C:2019:851, punti 68 u 69 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan isegwi li, anki jekk l-interpretazzjoni ta' dawn iż-żewġ direttivi tinkorpora l-karatteristiċi partikolari ta' kull waħda minnhom, din l-interpretazzjoni ma tistax titqies bħala diverġenti sakemm, fil-limiti tal-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, din l-interpretazzjoni tinkludi kunsiderazzjonijiet simili li, b'mod partikolari, jirrigwardaw is-sistema ta' protezzjoni rispettiva tagħhom.
- 85 Għal dak li jirrigwarda l-pjanijiet ta' ġestjoni adottati u implimentati fil-Finlandja fl-2017 u fl-2018 u li jsibu l-bażi tagħhom fil-Gwida, huwa importanti li jiġi enfasizzat li, jekk din il-gwida ma għandhiex valur legali vinkolanti, tista' tintuża mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala bażi ta' referenza. Huwa barra minn hekk speċifikat fl-imsemmija gwida li l-pjanijiet li jistgħu jiġu implimentati ma jibbenefikawx minn "status legali distint", fis-sens tad-Direttiva dwar l-"Għasafar". F'dan ir-rigward, għandu jerġa' jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li minkejja li r-rekwiżiti ekonomiċi u rikreattivi huma msemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, din id-dispożizzjoni ma tikkostitwixxix deroga awtonoma mis-sistema ta' protezzjoni stabbilita mid-Direttiva dwar l-"Għasafar" (sentenzi tat-8 ta' Lulju 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, 247/85, EU:C:1987:339, punt 8; tat-8 ta' Lulju 1987, Il-Kummissjoni vs L-Italja, 262/85, EU:C:1987:340, punt 8, u tat-28 ta' Frar 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-57/89, EU:C:1991:89, punt 22).

- 86 Fl-aħħar nett, fil-waqt li, fil-kuntest tal-eżami tal-kundizzjoni relatata mal-assenza ta' soluzzjoni oħra sodisfaċenti, imsemmija fl-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, fil-punt 35 tas-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-344/03, EU:C:2005:770), li, “għalkemm huwa veru li l-kaċċaturi jwettqu operazzjoni utli f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni ta' l-ambjent naturali meta, fir-rebbiegħa, jikkaċċjaw il-predaturi ż-żgħar sabiex l-Edredun ibejjet b'riżultati aħjar, ma jidhirx li tali operazzjoni tista' tiġi mwettqa biss bil-kundizzjoni li l-kaċċa ta' l-Edredun tkun miftuħa fir-rebbiegħa”, din il-kunsiderazzjoni tapplika sakemm, kif il-Kummissjoni enfasizzat, Stat Membru ma jiggarantixxix iż-żamma tal-popolazzjoni kkonċernata f’“livell sodisfaċenti”. Barra minn hekk, anki jekk jintwera li l-effetti pożittivi fuq il-popolazzjoni ta' speċi protetta li jirriżultaw minn pjan ta' ġestjoni jinnewtralizzaw l-effetti negattivi indotti mill-kaċċa fuq tali popolazzjoni, Stat Membru huwa meħtieġ, hekk kif ukoll jidher mill-premessa 6 tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”, li jieħu l-miżuri li japplikaw għad-diversi fatturi li jistgħu jinfluwenzaw il-livell tal-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernata.
- 87 Minn dan isegwi li l-argumenti żviluppatti mill-partijiet fil-kawża, kif ukoll il-provi xjentifiċi prodotti insostenn tagħhom, li kien għar-Repubblika tal-Finlandja li ttipprova, ma jindikawx li fil-mument meta l-liċenzji kontenzjużi ngħataw, l-awtorità nazzjonali kienet stabbiliet għarfien xjentifiku stabbilit sewwa li jindika li l-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernata kienet miżmuma f’“livell sodisfaċenti” sabiex seta' jitqies li l-użu huwa wieħed “meqjus”.
- 88 Minn dan isegwi wkoll li l-kundizzjoni relatata mal-“użu meqjus”, fis-sens tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar”, ma hijiex issodisfatta.

Fuq il-kundizzjoni relatata ma' “numri żgħar”

- 89 Fir-rigward ta' din il-kundizzjoni, għandu jkun innotat li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, meta l-attività ta' kaċċa awtorizzata fuq l-għasafar bħala deroga ma tiggarrantixxix iż-żamma tal-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernata f’livell sodisfaċenti, din il-kundizzjoni ma tistax titqies issodisfatta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Malta, C-557/15, EU:C:2018:477, punt 66).
- 90 Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed ifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li “għandu jitqies, fl-istat attwali tal-għarfien xjentifiku, li jirrappreżenta ‘numri żgħar’, fis-sens tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva [dwar l-“Għasafar”], [...] teħid ta' 1 % għall-ispeċi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' kaċċa, fejn ‘popolazzjoni kkonċernata’ għandha tinftiehem, fir-rigward tal-ispeċi li jpassu, bħala l-popolazzjoni tar-reġjuni li jipprovdu l-kontinġenti prinċipali li jiffrekwentaw ir-reġjun fejn tiġi eżerċitata d-deroga matul il-perijodu ta' applikazzjoni tagħha” (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Malta, C-557/15, EU:C:2018:477, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 91 F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed jinnota, l-ewwel nett, li fis-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Malta (C-557/15, EU:C:2018:477), il-Qorti tal-Ġustizzja insistiet fuq “ir-reġjun fejn tiġi eżerċitata d-deroga matul il-perijodu ta' applikazzjoni tagħha”. It-tieni nett, il-liċenzji kontenzjużi ma jikkonċernawx l-ispeċi protetta fil-proċess li tpassi, iżda l-għasafar ta' din l-ispeċi meta jibdwu jgħammru u għallhekk meta jkunu wieqfa. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva dwar l-“Għasafar” jippreċiża li “għandha tapplika għall-għasafar, il-bajd, il-bejtiet u l-ambjent naturali tagħhom”. It-tielet nett, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawżjoni, li huwa wieħed mill-pedamenti tal-politika ta' protezzjoni ta' livell għoli mfittxija mill-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 191(2) TFUE (digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-573/08 R, mhux ippubblikat, EU:C:2009:775, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll id-digriet tal-20 ta' Novembru 2017, Il-Kummissjoni vs

Il-Polonja, C-441/17 R, EU:C:2017:877, punti 42 u 61). Konsegwentement, dan il-prinċipju jeħtieġ li tiġi evitata stima żejda tal-ġhasafar disponibbli u li jsir użu minn metodi ta' kalkolu li jippermettu li jiġi żgurat li jibqgħu fl-limitu ta' 1 %.

- 92 Minn dan isegwi li, sa fejn l-ispeċi li jpassu jkunu wieqfa matul il-perijodu tat-tgħammir, huma għandhom, matul dan il-perijodu, u għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-eċċezzjoni li tinsab fl-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-“Ġhasafar”, ikunu assimilati għall-ispeċi sedentarji.
- 93 Barra minn hekk, ma jistax jiġi dedott mis-sempliċi fatt li Stat Membru huwa l-uniku wieħed li jawtorizza Prattika li huwa jista' jieħu l-kwota kollha disponibbli. Għal din ir-raġuni, huwa xieraq li wieħed jikkunsidra b'mod ipotetiku liema Stati Membri oħra jistgħu jixtiequ jibbenefikaw minn din il-kwota u jirriżervaw porzjon relattiv għal kull wieħed minnhom.
- 94 F'din il-kawża, minflok tibbaża l-kalkoli tagħha fuq il-popolazzjoni kollha preżenti li qed tpassi fil-Baħar Baltiku/Baħar Wadden, ir-Repubblika tal-Finlandja kellha tuża bħala bażi ta' riferiment il-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernata li tbejjet fil-gżejjer tal-provinċja ta' Åland.
- 95 Minn dan isegwi li, fid-data ta' riferiment, l-awtoritajiet tal-provinċja ta' Åland ma kellhomx data li tippermettilhom jikkalkulaw b'mod korrett il-kwantità ta' ġhasafar tal-popolazzjoni kkonċernata li tista' tiġi kkaċċjata.
- 96 F'dawn iċ-ċirkustanzi, isegwi li r-Repubblika tal-Finlandja ma kkonformatx mal-kundizzjoni relatata man-“numri żgħar”, imsemmija fl-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-“Ġhasafar”.
- 97 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstatat li, billi tawtorizza regolarment il-ħruġ ta' liċenzji għall-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Edredun raġel fil-provinċja ta' Åland mis-sena 2011 sas-sena 2019 inkluża, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 7(4) u tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-“Ġhasafar”.

Fuq l-ispejjeż

- 98 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li ttitlef il-kawża għandha tbatlha l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Repubblika tal-Finlandja tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Billi tawtorizza regolarment il-ħruġ ta' liċenzji għall-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Edredun raġel (*Somateria mollissima*) fil-provinċja ta' Åland mis-sena 2011 sas-sena 2019 inkluża, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 7(4) u tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi.
- 2) Ir-Repubblika tal-Finlandja hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem